**278. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Saint Catherine’s High School Institution, sit f’Saint Andrew’s, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż- żmien, biċ-ċens u taħt il- kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal- artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f’Saint Andrews jingħata lill-imsemmija Saint Catherine’s High School Institution għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta’ kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

04.06.1991